MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 935/1998/1

**David Vella u Diane Vella Bianco Bonaci**

**vs**

**Victor u Juliette Mercieca**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt datat 17 ta' Mejju 1996 fl-atti tan-Nutar John Debono l-atturi xtraw ic-cens temporanju ta' r-rimanenti ta' mija u hamsin sena tal-*plot* numru erba' mija u erbgha u tlettin (434) f'Santa Maria Estate bil-kostruzzjoni ta' fuqha.

Illi meta huma dahlu fil-proprjeta msemmija sabu li bejn l-art moghtija lilhom b'cens u dik moghtija b'cens lill-konvenuti u cioe` l-*plot* erba' mija u hamsa u tlettin (435)

ma sarx sewwa u kif inhuwa xieraq id-delinjazzjoni bejn art u ohra u jidher li parti hija ma art u allura ta' parti u parti ma ohra.

Illi l-esponenti ipprovaw jaslu mal-konvenuti sabiex jsir dan l-esercizzju bonarjament izda baqa' ma sarx u ghalhekk kellha issir din l-kawza.

Illi l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti:-

1. Ma ghandhiex tordna li ssir il-konfini u d-delimitazzjoni taz-zewg plotijiet numri 435 u 434 gewwa Santa Maria Estate Mellieha moghtija rispettivament lill-partijiet u dan okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi u tiddikjara liema hija l-art ta' parti u liema hija ta' l-ohra.

Bl-ispejjez u l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol 7) tal-konvenuti konjugi Mercieca fejn ecceppew:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-**artikolu 2143 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti ilhom snin twal stabbiliti mill-awtur taghhom;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 7 u 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha tal-partijiet limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bil-fakolta` li l-partijiet

jipproducu x-xhieda taghhom bl-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti u riserva tal-kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-22 ta’ April 1999.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju, u x-xhieda hemm moghtija.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet fejn talbu li jigu awtorizzati jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni, *entro termini* li jigu lilhom prefissi minn dik l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tal-1 ta’ Lulju 1999, fejn il-Qorti prefeggiet lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta’ osservazzjonijiet taghom, sal-15 ta’ Settembru, 1999 bil-visto jew notifika lill-kontro-parti li jkollha sat-30 ta’ Ottubru, 1999 biex jirrispondondu. Il-kawza giet differit ghall-25 ta’ Novembru, 1999 ghas-sentenza *in difetto ostacolo*.

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu lill-Qorti biex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u biex tordna li n-nota tal-osservazzjonijiet presentata mill-konvenuti tigi notifikata lilhom.

Rat id-digiret ta’ l-1 ta’ Novembru 1999 fejn il-Qort cahdet it-talba *stante* li ma rrizultax li l-konvenuti pprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Novembru 1999 fejn il-Qorti fuq talba ta’ Dr Carmelo Mifsud Bonnici estendiet it-terminu ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet ghall-konvenut zmien 20 gurnata mill-lum u ghall-attur zmien 20 gurnata min-notifika lilu tan-nota tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett ostakolo* ghad-29 ta’ Frar 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti Mercieca u d-dokumenti annessi minn fol 97 sa 101 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi a fol 102 u d-digriet tal-Qorti tal-25 ta’ Frar 2000 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza

w akkordat lill-atturi ghaxart ijiem zmien ghall-prezentata tan-nota bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tad-29 ta' Frar 2000 fejn Dr Micallef ghall-konvenuti prezenta nota ta' osservazzjonijiet tieghu dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, u rrileva li tali nota originarjament ilha prezentata mit-30 ta' Settembru, 1999 u akkordat lill-atturi tletin gurnata biex jipprezentaw nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghat-2 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur bi twegiba ghan-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata mill-konvenuti a fol 105 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta' Mejju 2002, tas-6 ta' Gunju 2000 tal-4 ta' Lulju 2000 u tas-26 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat il-verbal tal-14 ta' Dicembru 2000 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti w ordnat lill-partijiet biex sad-differiment li jmiss il-partijiet rispettivi jipprezentaw kopji awtentikati tal-kuntratti rispettivi li bihom akkwistaw il-proprjetajiet taghhom u wkoll kopji awtentici tal-pjanti annessi mal-istess kuntratti u kopja awtentikata tal-pjanta originali redatta mill-Periti Mortimere & Degiorgio. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-15 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 ta' Dicembru 2000 fejn gew prezentati xi dokumenti (fol 117 sa 123).

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2001 fejn Dr Carmelo Mifsud Bonnici esebixxa kopja awtentika tal-kuntratt li permezz tieghu l-atturi akkwistaw l-art u jonqsu jesebixxi kopja tal-pjanta tal-konfini (fol 127 sa 137 tal-process).

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 2001 fejn xehdu Alfred Darmenia u l-konvenut Victor Mercieca (fol 151 sa 160 tal-process).

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2001 fejn xehed Simon Borg u d-difensur tal-partijiet qablu li l-pjanta a fol 142 hija kopja vera tal-original u Dr Chris Vella esebixxa premezz ta' nota kopja ta' *survey* ufficjali.

Rat in-nota tal-konvenuti tat-18 ta' Lulju 2001 fejn premezz taghha prezentaw dokument "VM" (fol 171).

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2001 fejn id-difensuri prezenti qablu li m'ghandhomx provi aktar u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza ghalhekk giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat il-verbali tat-28 ta' Frar 2002, tat-22 ta' Marzu 2002, tat-12 ta' Dicembru 2002, tat-30 ta' Jannar 2003 u tat-30 t'April 2003 fejn il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni attrici titratta dwar talba *da parte* tal-atturi sabiex jigu stabbiliti l-konfini bejn il-*plot* tal-atturi numru 434 Santa Maria Estate, Mellieha u *plot* tal-konvenuti numru 435 Santa Maria Estate, Mellieha, u din il-Qorti sejra tillimita din id-decizjoni taghha fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi l-*plot* 434 kienet originarjament akkwistata mis-socjeta` "J. & V. Debono Brothers Development Limited minghand is-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar

Anthony Gatt datat 25 ta’ Jannar 1979 esebit bhala Dok. “SB 1” a fol. 73 tal-process, fejn l-istess art hija deskritta bhala:-

*“the plot of land marked number four hundred and thirty four (434) on the plan which is being annexed hereto for registration and marked as Document “X” and forms part of the territory known as “Ix-Xaghra ta’ Barra”, situated in the limits of Mellieha, Malta on which lands the Company is developing the Mellieha Bay Garden Estate also known as “Santa Maria Estate”.*

*“This plot of land measures approximately ten thousand eight hundred and ninety square feet (10,890 sq feet) equivalent to approximately one thousand and eleven point seventy two square metres and is bordered on the North by plot number four hundred and thirty two (432) on the West by plot number four hundred and thirty three (433) and on the East by plot number four hundred and thirty five (435)”.*

Illi l-atturi min-naha taghhom akkwistaw il-proprjeta` taghhom permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Mejju 1996 fl-atti tan-Nutar John Debono li jinsab esebit bhala Dok. “BDB” a fol. 128 tal-process u fejn l-istess proprjeta` hija deskritta bil-mod segwenti:-

*“the detached house and garden built on plot number four hundred and thirty four of the territory known as “ix-Xaghra ta’ Barra” in the limits of Mellieha, also known as “Santa Maria Estate” named “Id-dar tal-Arlogg bix-Xemx, id-dahlet is-Sardinell, having a superficial area of approximately one thousand and eleven point seven two four square metres (1011.24 sq.m) bounded on the north partly by plot number four hundred and thirty two (432) and partly by plot number four hundred and sixty (460); on the West by plot number four hundred and thirty three, and on the South by Dahlet Sardinelli or more correct boundaries……..”.*

Illi min-naha l-ohra l-*plot* numru 435 kienet originarjament akkwistata minn John Ellis Sharp minghand is-socjeta`

*Central Mediterranean Development Corporation* Limited permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 11 ta’ Ottubru 1966 esebit bhala Dok. “SB 2” a fol. 82 tal-process, fejn l-istess art hija deskritta bhala:-

*“The plot of land marked number four hundred and thirty five (435) on the plan annexed hereto as Schedule “X” forming part of the territory known as “Ix-Xaghra ta’ Barra”, situated in the limits of Mellieha, Malta on which lands the Company is developing the Mellieha Bay Garden Estate also known as “Santa Maria Estate”.*

*“This plot of land number 435 measures approximately eleven thousand three hundred and forty square feet and is bordered on the South partly by a proposed new road and partly by Company property and on all other sides by Company property”.*

Illi permezz ta’ kuntratt datat 18 ta’ Lulju 1996 il-konvenuti akkwistaw minghand Dr. David Grech bhala mandatarju ta’ Dr. Karl Demblin u martu Irmgard Demblin b’titolu ta’ subenfitewsi temporanja ghaz-zmien li kien fadal minn 150 sena *“a fully detached Villa known as “Casa Comino” without number, in Dahlet is-Sardinell, built on a plot of land known as plot number four hundred and thirty five (435) of the Santa Maria Estate, forming part of the territory known as ix-Xaghra ta’ Barra in the limits of Mellieha, bounded on the South by the said road, and partly by the property of Robert Wagstaff, or his successors in title, on the West partly by the said road and partly by the property of Central Mediterranean Development Corporation Limited or their successors in title, and on the North by the property of Jan Henry Touw or his successors in title, as subject to the annual and temporary groundrent of fifty Maltese Liri (Lm50) otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances”.*

Illi l-pjanta esebita mal-istess kuntratt giet immarkata bhala Dok. “VM2” fil-process.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li mhux kontestat li l-atturi akkwistaw il-proprjeta` taghhom permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar John Debono datat 17 ta' Mejju 1996; min-naha l-ohra lanqas huwa kontestat li l-konvenuti akkwistaw il-proprjeta` taghom permezz ta' kuntratt pubbliku datat 18 ta' Lulju 1996 fl-atti tan-Nutar Dr. Francis Micallef.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dawn iz-zewg *plots* kienu originarjament formanti parti minn art ikbar li kienet akkwistata mis-socjeta` Cenmed b'sub-cens temporanju u din l-art giet trasferita lill-terzi persuni ghall-perjodu li kien fadal minn 150 sena, u dan saret abbazi ta' pjanta redatta mill-periti *"Mortimer & Degiorgio"* u Simon Borg, *General Manager* tas-socjeta` *Central Mediterranean Development Corporation Limited* fejn xehed fis-seduta tal-25 ta' Mejju 1999 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli li l-istess socjeta` qatt ma ghamlet hitan ta' konfini bejn l-istess proprjetajiet. Dan ikkonfermah fis-seduta tat-2 ta' Gunju 1999 meta esebixxa z-zewg kuntratti li bihom gew trasferiti z-zewg *plots* mertu tal-kawza odjerna lill-terzi, izda kienet saret riferenza ghall-pjanta originali tal-istess periti *"Mortimer & Degiorgio".* Ikkonferma li l-hajt li hemm ezistenti bejn il-proprietajiet rispettivi tal-partijiet ma sarx minnhom, u lanqas jirrizultalu li tali hajt kien inbena fuq struzzjonijiet tal-istess periti li kienu ghamlu l-pjanta originali.

Illi jidher li skond ix-xhieda ta' Alfred Darmenia datat 22 ta' Marzu 2001 kien sar *survey* mill-Periti *Mortimer & Degorgio* u parti minnu relattiva ghall-istess *plots* giet esebita fil-pjanta immarkata bhala Dok. "AD 1" u x-xhud kien ghamel *survey* skond pjanta esebita bhala Dok. "AD 2" li kien sar minnu f'Awissu 1998.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut esebixxa l-pjanta Dok. "CV 1" li skond ix-xhieda tieghu tat-22 ta' Marzu 2001 hija l-pjanta originali li fuqu sar il-permess ghall-bini tal-*plot* 434 mill-Periti Mortimer & Degiorgio w indika li l-hajt in kwistjoni ezistenti llum huwa diga hemm.

Illi fis-seduta tal-20 ta’ Gunju 2001 giet esebita *survey* ufficjali tal-pjanta tal-art in kwistjoni bhala Dok. “CV 1”.
Illi l-attrici ssostni li bejn il-*plots* rispettivi mertu tal-kawza odjerna kien hemm dislivell qawwi, u kien hemm hajt li jifred l-istess zewg proprjetajiet izda dan bl-ebda mod ma kien jirrifletti l-konfini tal-istess zewgt *plots*. Il-konvenuti min-naha l-ohra qed jikkontendu li l-hajt li hemm bejn l-istess zewgt proprjetajiet jirrapresenta l-konfini li hemm bejn l-istess artijiet u ghalhekk inghatat it-tieni eccezzjoni fis-sens li l-konfini bejn l-istess art tal-kontendenti ilha li giet stabbilita`.

Illi pero` fil-kuntest  tal-kawza attrici l-ewwel ma jrid jigi deciz hija l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u fil-fatt din il-Qorti ser tillimita din is-sentenza ghal din l-ewwel eccezzjoni, li qed isostnu li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi li:-

*“L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista’ ssir minhabba n-nuqqas ta’ titolu jew ta’ bona fidi”.*

Illi l-konvenuti qed jibbazzaw din l-eccezzjoni fuq s-sottomissjoni taghhom li skond ix-xhieda ta’ Stephen Aquilina datata 14 ta’ April 1999 li qal li skond is-*survey sheets* pertinenti kien stabbilit hajt litrofu bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti *stante* li dan kien jezisti sa minn qabel in-1967, u wara li ccitaw lill-Dr. David Grech li kien xehed li dwar l-istess proprjetajiet qatt ma kien hemm problemi, huma jsostnu li allura hemm tapplika l-preskrizzjoni ta’ tlettin sena favur il-konvenuti, u dan anke abbazi ta’ dak li nghad fis-sentenza **“Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi”** (A.C. (JSP) 27 ta’ Marzu 1996) fejn il-Qorti stabbiliet li min jallega l-uzukapjoni tregenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta’ titolu jew tal-*buona fede* u li l-*buona fede* ma hijiex eskluza bil-fatt li l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta’ haddiehor, ghax huwa bizzejjed li l-preskrivent kellu l-intenzjoni li jsir sid il-haga.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni *stante* li d-decizjoni li giet citata mill-konvenuti w appena msemmija tirrigwarda azzjoni li giet maghmula *ai termini* tal-**artikolu 322 tal-Kap 16,** u hija l-azzjoni *rei vendicatoria*, li hija l-azzjoni rejali li ghandha l-oggett taghha r-rikonnoximent tad-dritt ta' proprjeta` ta' l-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata, w allura tali insenjamenti ma ghandhom l-ebda rilevanza ghall-azzjoni odjerna.

Illi dan qed jinghad peress li l-azzjoni odjerna hija dik kontemplata taht l-**artikolu 325 tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"Kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u li jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi tghhom li jmissu ma xulxin".*

Illi mic-citazzjoni attrici jidher li t-talba attrici hija sabiex l-istess Qorti tistabbilixxi l-konfini u tordna d-delimitazzjoni taz-zewg plotijiet tal-partijiet, u certament li l-*actio finium regundorum "azzjoni illi tista' tigi tentata b'success biss fil-kazijiet fejn jirrizulta li hemm xi dubbji dwar il-konfini bejn proprjeta` w ohra".* (**"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"**)

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Francesca Debattista vs Antonio Grech"** (A.C. (GB) 23 ta' April 1951) inghad li:

*"Illi l-azzjoni prezenti, kif jidher mic-citazzjoni u kif espressament qalet l-appellanti tinsab bazata fuq l-artikolu 362* (illum 325) *li jistabilixxi li kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u li jiqbghu biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma xulxin. Izda meta dawk il-konfini jkunu gew stabbiliti bejn il-partijiet, sija bi ftehim sija b'sentenza, l-azzjoni 'finium regundorum' tkun ezawrita, u ma tistax tigi ezercitata mill-gdid, jekk mhux fil-kaz li dawk il-konfini jkunu gew 'rimossi da forza maggiore o guasti dall' azjone del tempo in giusa che non siano riconoscibili. Ma se i termini tutt' ora sussistono non puo` l'una parte chiedere una nuova apposizione, perche` le convenzioni, come i gudicati, formano legge tra le parti" (Ricci Vo. II pag 114 –115).*

Illi mic-citazzjoni attrici jirrizulta bla dubju li din hija l-azzjoni eseperita mill-atturi, u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti li l-konfini bejn il-*plots* u l-proprjetajiet rispettivi qatt ma gew stabbiliti bejn il-partijiet, u in effetti mill-istess kuntratti kollha esebiti u dan kemm ta' parti u kemm tal-ohra, inkluz il-kuntratti dwar il-provenjenza tal-artijiet rispettivi tal-partijiet jirrizulta bl-iktar mod car, sahansitra meta ssir referenza ghall-pjanti esebiti anke ma whud mill-kuntratti tat-trasferiment relattiv, inkluzi l-pjanti esebiti bhala Dok. “VM2” u Dok. “AD1”, li l-istess *plots* kienu originarjament gew mibjugha lill-awturi tal-partijiet rispettivament abbazi ta' pjanta originali tal-periti *Mortimer & Degiorgio,* u ghalkemm l-istess *plots* huma hekk indikati, bhal per ezempju mill-pjanti fuq appena citati, bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-konfini tal-istess gew stabbiliti b'mod preciz fuq il-lant stess, u f'kull kuntratt rispettiv ta' akkwist tal-partijiet hemm biss indikati l-konfini tal-istess artijiet u ghal dak li jirrigwarda l-kaz partikolari mertu tal-kawza odjerna, hemm biss indikat li l-istess artijiet huma atigwi ghal xulxin u xejn izjed.

Illi minn dan jirrizulta li allura mhux biss ma hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet odjerni dwar l-istess konfini, kif lanqas hemm l-ebda gudikat fil-konfront tal-istess, izda jirrizulta konkludentement mill-provi li l-istess periti ndikati qatt ma stabbilew il-konfini tal-istess *plots* fuq il-post, u fid-deskrizzjoni tal-istess *plots* fl-imsemmija kuntratti ma hemm l-ebda certezza dwar l-istess, lanqas fil-pjanti li saret riferenza ghalihom, u allura fl-isfond ta' dan kollu ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici kif proposta tista' tirnexxi u saret fil-binarji legali u guridici stabbiliti.

Illi kif inghad fit-***Torrente – Manuale di Diritto Privata*****:-**

*“l-azione di regolamento di confini: presuppone l'incertezza del confine tra due fondi. I rispettivi titoli di proprjeta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e che l azione tande ad accertare e` l-estensione delle proprieta` contigue, e`, quindi il confine. Non ha importanza se la zona intermedia sia posseduta da uno*

*solo o promiscuamente da entrambi i proprietari confinanti. Questa azione ha la natura di una revendica parziale (vindicatio duplex incertae partis) e presenta alcune particolarita`: ciascuna delle parti e, al tempo stesso, attore e convenuto; ogni mezzo di prova e` ammesso; in mancanza di altri elementi, il guidice si attiene al confine delineato dalle mappe catastali".*

Illi din certament hija l-azzjoni esperita mill-atturi, u f'dan il-kuntest jinghad li din il-Qorti ma hijiex taccetta t-tezi tal-konvenuti li tali konfini bejn il-partijiet rispettivi gew stabbiliti permezz tal-hajt li hemm ezistenti u li gie ndikat mill-konvenuti bhala l-linja ta' divizjoni tal-proprjetajiet rispettivi, *stante* li dan ma jirrizulta minn ebda pjanta tal-akkwist mal-kuntratti tal-proprjetajiet rispettivi, u dan apparti li l-awturi tal-partijiet kollha indikaw li lanqas il-periti li kienu inkarigati bil-bini tal-istess *plots* u wkoll bil-pjanti originali fejn l-art inqassmet fi *plots* sabiex tigi trasferita mis-socjeta` *Central Mediterranean Development Corporation Limited* lill-terzi, qatt ma stabbilew il-konfini tal-istess *plots* mertu tal-kawza odjerna, u wisq inqas ma saret riferenza ghall-hajt indikat illum mill-konvenuti.

Illi dwar il-preskrizzjoni ecceppita mill-konvenuti jinghad li tali preskrizzjoni ma tapplikax fil-konfront tal-azzjoni odjerna ghaliex kif inghad fis-sentenza citata **"Francesca Debattista vs Antonio Grech"**:-

*"L-actio finium regundorum – li l-attrici qieghda tezercita – hija impreskrittibbli; ghaliex tikkostitwixxi ghall-proprjetarji vicini att purament fakoltativ u ghaliex id-dritt ta' dawk il-proprjetarji li jitolbu r-regoalment tal-konfini, meta dawn ikunu incerti jew promiskwi, huwa inerenti ghall-proprjeta` u kwindi ma jistax jispicca sakemm tibqa' tissussisti l-proprjeta`".*

Illi inghad ukoll minn ***Trabucchi*:-**

*"Anche` l'azione di regolamento di confini, essendo posta a tutela del diritto di proprieta`, e` imprescrittibile".*

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda, u konsegwentement din il-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn ecceppew il-preskrizzjoni abbazi **tal-artikolu 2143 tal-Kap 16,** *stante* li ma hijiex applikabbli ghall-kaz *de quo* u hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk din il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------